

31984D0560

L 308/54

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

27.11.1984

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-22 ta' Novembru 1984****dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern ta' l-Awstralja dwar l-Arranġament bejn l-Awstralja u l-Komunità dwar il-ġobon**

(84/560/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

Wara li kkonsidra t-Trattat li waqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkonsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi waqt in-negozjati kummerċjali dwar il-Ftehim Ġenerali dwar Tariffi u Kummerċ (GATT), il-Komunità kkonkludiet Ftehim ma' l-Awstralja dwar il-ġobon ⁽¹⁾;

Billi jekk l-għanijiet tal-Ftehim iridu jintlaħqu, uħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu għandhom jiġu emendati;

Billi l-Kummissjoni bdiet negozjati ma' l-Awstralja dwar din il-kwistjoni u laqgħet ftehim sodisfaċenti ma' dak il-pajjiż,

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern ta' l-Awstralja dwar l-Arranġament bejn l-Awstralja u l-Komunità dwar il-ġobon qed jiġi approvat fisem il-Komunità.

Il-kitba tal-Ftehim hija mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill qed jiġi awtorizzat sabiex jagħżel il-persuna li jkollha s-setgħa li tiffirma l-Ftehim sabiex jorbot lill-Komunità.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Novembru 1984.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. BRUTON

(1) ĠU L 71, tas-17.3.1980, p.ġ 154.